# Mewġ

*Simone Azzopardi*

Kull darba li nżilna sax-xatt
  il-mewġ ta' ħsebijietna
  tfarrak mifluġ
  ma' xifer il-blat.

U għajjiena rqadna
  mgħottija bid-dlam
  sakemm kixifna
  il-lampier tas-sajjied.

U malli l-imqadef
  tbillew fl-ilma
  reġa' tħarrek
  il-mewġ ta' ħsebijietna.

# Illejla, jekk trid . . .

*Adrian Grima*

Illejla ninżlu fejn il-baħar,
  jekk trid,
  u ngħoddu l-kwiekeb.
Illejla,
  jekk il-fwieħa tal-baħar issakkarna,
  nitilgħu max-xefaq
  u noqogħdu nixxiegħlu mal-mewġ.
Illejla,
  jekk il-qamar jinkixef biżżejjed,
  nistgħu nilagħbu bil-kuluri f'wiċċ l-ilma,
  u niġbruhom wieħed wieħed,
  u nlaħalħuhom,
  u nerġgħu nitilquhom f'salt.
U jekk ma jkunx sar il-ħin,
  u x-xemx ma tkunx tielgħa faċċata,
  tista' tmidd rasek fuqi jekk trid,
  u nżommok f'idejja,
  u xagħrek inxarrbu fuq sidri,
  u nbandlek fuq l-ilma
  jekk trid.

**LEHEN IL-MALTI**
**FRAR 1990**
**GĦADD 24**

maħruġ mill-Għaqda
tal-Malti (Università)
fi ħdan id-Dipartiment
tal-Malti

**BORD EDITORJALI**
*Editriċi*
Anna Maria Abela

*Assistenti*
Pat Gatt
Adrian Grima
Marco Galea
Simone Azzopardi
Prof. Oliver Friggieri

**Indirizz Editorjali:**
"LEHEN IL-MALTI"
Id-Dipartiment tal-Malti
Il-Fakultà ta' l-Arti
L-Università
Tal-Qroqq

**LEHEN IL-MALTI**
seta' jiġi pubblikat u
fl-istess ħin offrut lill-
pubbliku bi prezz baxx
bis-saħħa ta' l-għajnuna
finanzjarja mill-

**Mid-Med Bank**

Issettjat u mitbugħ mill-
Media Centre Print
Blata l-Bajda